*Katina Karmelitana*

**Nru. 15** **Terzjarji Karmelitani Żurrieq** **Sett. – Diċembru 2011**

# Id-Dmirijiet u d-Doveri tat-Terzjarji Karmelitani

Il-lajk Karmelitan għandu jagħmel ħiltu kollha biex jgħix ħajja ta' tfittxija kontinwa ta' Alla. Huwa għandu jfittex jagħmel dan b'ħajja ta' talb, u ta' ubbidjenza għas-saltna ta' Kristu imqanqla mill-Ispirtu ta' Alla. It-terzjarju jibda l-mixja tiegħu wara Kristu minn att ta' fidi sħiħa f'Ġesu' u fil-ġrajja tiegħu tal-qawmien. F'Ġesu' li qam mill-mewt, it-terzjarju jagħraf is-sens tal-ħajja tiegħu u jikber fix-xewqa tiegħu li jsir jixbaħ lil Ġesu u jara fih is-sens u ċ-ċentru ta' ħajtu. Dan ifisser li l-Karmelitan lajk, waqt li jinbena bil-mod il-mod fl-imħabba ħanina ta' Alla, iħejji ruħu biex jitla' l-Għolja tal-Karmelu li fil-quċċata tagħha għandha lil Ġesu' Kristu.




It-tlugħ ta' l-Għolja tal-Karmelu jfisser li jimxi wara Kristu, b'ruħu kollha u jaqdih b'fedelta', b'qalb safja, u b'għotja totali. Dan iwassal biex l-Ispirtu ta' Ġesu' jimla lill-persuna tiegħu b'tali mod li flimkien ma' San Pawl ikun jista' jgħid, "Mhux jien li ngħix, iżda huwa Kristu li jgħix fija u b'hekk kull ma jagħmel iseħħ fil-Kelma tiegħu."

Xi jfisser dan fil-prattika tal-ħajja tagħna?

It-Terzjarju konvint għandu jħoss id-dmir li jżomm kuntatt kontinwu ma' Ġesu' permezz tat-talb personali imħeġġa mill-imħabba li ma taqta' qatt, billi jitħaddet ma Ġesu fuq il-ħajja tiegħu ta' kuljum; bit-talba tar-Rużarju, u b'tant





talb ieħor li jgħinu jsaħħaħ l-għaqda tiegħu ma' Ġesu' u mal-Knisja. Huwa għandu jagħmel ħiltu biex isaħħaħ din l-għaqda tiegħu ma' Ġesu' bis-sehem fl-Ewkaristija ta' kuljum, fis-sehem fil-ħajja liturġika, fis-smiegħ tal-Kelma ta' Alla u fil-Lectio Divina. Is- sejħa sħiħa tal-Missier biex it-terzjarju jimxi wara Kristu titwettaq bis-sħiħ meta wieħed ikun membru tal-Knisja. Dan ifisser li t-terzjarju jrid jagħraf li r-rigal tal-fidi li rċieva fil-Magħmudija, nissel fih sejħa għall-qdusija. U dan għandu jimlih bil-ħeġġa biex jagħraf it-tagħlim ta' Ġesu' u tal-knisja, ifassal kliemu u l-imġieba tiegħu fuqhom u hekk ikun messaġġier tal-Mulej bil-ħajja tiegħu. Dan ifisser ukoll li t-terzjarju ta' veru fil-qalb tiegħu ikollu fih sentimenti ta' mħabba għal Alla u għal proxxmu u jwarrab kliem u diskors li jfixkel u jħarbat din l-imħabba.

Il-Mulej iberikkom u jagħtikom is-sliem.

**P. Joe Saliba O.Carm**
**Delegat Provinċjali tat-Terz Ordni Karmelitan**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi tal-preżenza tagħkom waqt il-funzjonijiet liturġiċi matul il-ġranet tal-festa kbira li ċċelebrajna ad unur il-Madonna tal-Karmnu. F'dawn ix-xhur li ġejjin hemm ħafna attivitajiet li għalihom intom fid-dmir li tattendu, l-aktar il-laqgħat ta' kull xahar u l-ezerċizzi spirtwali. It-Terzjarji li huma veru devoti tal-Madonna m'għandhomx jitilfu dawn l-attivitajiet.

Il-Madonna tberikna.
**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Settembru – Diċembru

### Laqgħat Marjani

**L-Erbgħa** **5 t' Ottubru 2011**
**Il-Ħamis** **3 ta' Novembru 2011**
**L-Erbgħa** **7 ta' Diċembru 2011**

Il-laqgħat jibdew fil-5pm bir-reċita tar-rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa bil-konferenza minn P. Hermann Duncan O.Carm.

Ser ikun hemm għall-bejgħ ir-ritratti tal-Vestizzjoni u l-Professjoni għall-prezz ta' €1 kull ritratt.

### Festa tal-Madonna ta' Fatima f'Santa Venera

It-Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu huma mistiedna biex nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Santa Venera **nhar il-Ħadd 16 t'Ottubru 2011**. Il-private titlaq minn Pjazza Mattia Preti fl-4:15pm.

### Kungress Nazzjonali tat-Terzjarji

Il-Kungress Nazzjonali ser isir **nhar il-Ħadd 23 ta' Ottubru 2011** fil-Parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Il-private titlaq minn Pjazza Mattia Preti fl-4:15pm.

***Aħseb spiss f'Marija. U meta tara xi statwa jew xbieha tagħha għidilha hekk:***

***"Insellimlek O Marija u sellem lil Ġesu għalija."***

***San Ġorġ Preca***





### Eżerċizzi Spiritwali

**Data: 7, 8 u 9 ta' Novembru 2011**
**Ħin: 5pm**
**Post: Ċentru Pastorali**

Kelliem : P. Raymond Calleja O.Carm.

L-Erbgħa 9 ta' Novembru issir il-Quddiesa.

### Irtir ta' Ġurnata

Irtir ta' ġurnata ġewwa l-Lunzjata r-Rabat mal-fergħa ta' Santa Venera **nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru**. Il-private titlaq minn Pjazza Mattia Preti fit-8:45am. ħlas inkluż l-ikel ta' nofsinhar huwa ta' €15.

### Nofs ta' nhar Irtir

Nhar **it-Tlieta 6 ta' Diċembru** ser isir nofs ta' nhar irtir il-Għargħur. Il-private titlaq minn Pjazza Mattia Preti fit-8:45am. Ħlas huwa ta' €7 li jinkludi trasport, te jew kafe u sandwiches.